MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 2576/2002

**GasanMamo Insurance Agency Limited bhala rapprezentanti tas-socjeta` assikurattrici CGU Insurance kif surrogata fid-drittijiet ta’ l-assikurat taghha John Borg u l-istess John Borg**
**vs**

**Nathalie Menchova**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-atturi fit-28 ta’ Ottubru, 2002 fejn intalab il-hlas ta’ mitejn u ghaxar liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm210.20), u dana in kwantu ghas-somma ta’ mija u hamsa u tmenin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm185.20) lis-socjeta` attrici assikurattrici u in kwantu ghas-somma ta’ hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00) lill-attur John Borg rapprezentanti danni li sofrew l-atturi meta l-konvenuta waqt li kienet qed issuq il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni AAB-216, fit-2 ta’ Marzu, 2002,**

**gewwa B'Kara Rd., St. Julians, habtet mal-vettura numru ta' registrazzjoni DKB-166 propjeta` ta' l-attur John Borg u ikkagunat danni f'din l-istess vettura. Dan l-incident hija ghalih unikament responsabbli l-konvenuta stante li s-sewqan taghha kien wiehed negligenti u traskurat;**
**Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-parir (Lm15.00) u ta' l-ittra ufficjali datata 15 ta' Lulju, 2002, kontra l-konvenuta, u ta' ittra ufficjali ohra prezentata kontestwalment ma' l-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenuta, bil-kontra l-istess konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenuta debitament notifikata baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma dehret.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Louis Bianchi ghas-socjeta` attrici li kkonferma dak li hemm fl-avviz u li l-ammont ghadu ma thallasx. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-artikolu 13(b) tal-Kap.380, it–Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' mija u hamsa u tmenin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm185.20), u lill-attur John Borg is-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00), bl-imghax legali fuq l-imsemija ammonti dekorribbli mill-15 ta' Lulju, 2002.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-15 ta' Lulju, 2002, u dawk ta' l-ittra ufficjali presentata kontestwalment ma' l-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenuta, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------